# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**

**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Seduta mizmuma llum, 26 ta' Ottubru 2016**

**Rikors Numru: 365/2013 CSH**

**Anthony Cardona, Stefan Cardona u Christianne Cardona**

**vs**

1. **Bugeja Co. Limited (C18077)**
2. **Emanuel Grech u**

**K.C.A Plastics Limited (C 7901) li giet kjamata in kawza b'digriet moghti fit-22 ta' Jannar 2014**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors promoturipprezentat mill-atturi nhar id-19 ta' Novembru 2013 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti huma jew min minnhom ihallsu s-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bin-nomina ta' periti nominandi, li tirrapprezenta d-danni sofferti mir-rikorrenti, li ghandhom jinkludu ukoll id-danni li kellhom jigu rizarciti mir-rikorrenti ghad-danni sofferti minn terzi, b'rizultat ta' perkolazzjoni ta' ilma gewwa l-fond propjeta' tar-rikorrenti ossia fil-fond Flat 6B, Blk B, Fort Mansions, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex u ghal liema danni huma jew min minnhom unikament responsabbli stante li l-perkolazzjoni ta' ilma u konsegwenzjali danni averraw

ruhhom b'konsegwenza ta' difett fil-merkanzija u/jew materjal (idrawliku) mibjugh lir-rikorrenti mill-kumpanija Bugeja Co. Limited u/jew b'konsegwenza ta' difett fl-installazzjoni tal-istess merkanzija ossija materjal (idrawliku) minn Emanuel Grech fil-fond Flat 6B, Blk B, Fort Mansions, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex. Id-danni reklamati mir-rikorrenti ma jeccedux l-kompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ossija ma jeccedux is-somma ta' €11,646 (hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin ewro).

Bl-ispejjes u bl-imghax kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' Bugeja Co. Limited (C 18077) li giet ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-5 ta' Dicembru 2013 fejn eccepixxiet:

1. "*Illi preliminarjament l-esponenti jissottometti li huwa xtara l-prodott u/jew merkanzija u/jew materjal mibjugh lir-rikorrenti minghand K.C.A. Plastics Limited (C 7901) ta' Ubt 1, Industrial Estate san Gwann u ghalhekk jitlob il-kjamata in kawza ta l-istess kumpanija stante li kwalsiasi difett fil-prodott hija r-responsabilita ta' l-istess K.C.A Plastics Limited.*
2. *Illi l-esponenti m'ghandu ebda installazzjoni fil-post tar-rikorrenti u ghaldaqstant m'ghandhom l-ebda responsabilita ghal hsara inkorsa mir-rikorrenti u dik inkorsa minn terzi u rizarcita mir-rikorrenti.*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ir-rikorenti jridu jaghmlu prova tal-hsarat minnhom sofferti, kif ukoll minn min mir-rikorrenti nkorra tali hsara, kif ukoll prova tad-danni rizarciti minnhom lil terzi kif ukoll prova tad-danni inkorsi mill-istess terzi.*
4. *Illi l-esponenti ma ghamel ebda hsara lir-rikorrenti u t-talbiet taghhom fil-konfront tieghu huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

   *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti toghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront ta' l-esponenti bl-ispejjez kontra r-rikorrenti jew min mill-partijiet huwa responsabbli, bil-partijiet kollha ingunti ghas-subizzjoni.* "

Rat ir-risposta tal-konvenut Emanuel Grech li giet ipprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-10 ta' Dicembru 2013 fejn eccepixxa:

1. *"Illi l-esponenti jirrespingi l-pretensjonijiet kollha hekk kif dedotti fil-konfront tieghu bhala infondati fil-fatt u fid-dritt;*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xoghol maghmul u esegwit mill-esponent sar skond is-sengha u l-arti u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-provi;*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq l-atturi sabiex jaghmlu prova tal-allegati danni u fi kwalunkwe kaz, huma kontestati;*
4. *Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponent m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' din il-kawza.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat ir-risposta tas-socjeta' K.C.A. Plastics Limited (C 7901) li giet kjamata in kawza b'digriet moghti fit-22 ta' Jannar 2014 ipprezentata fis-7 ta' Marzu 2014 fejn eccepiet:

*"Illi t-talbiet kif proposti ma jistghux ireggu fil-konfront tal-esponenti u dan stante illi l-esponenti ma bieghet xejn lill-atturi u lanqas ma nstallaw xi materjal fil-fond tal-atturi.*

*Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jichdu li kwalsijasi materjal li seta' pprovjena mill-manifattura tas-socjeta' esponenti kien b'xi mod difettuz u konsegwentement m'ghandhomx jahtu ghall-akkadut.*

*Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghall-premess, id-danni mitluba huma eccessivi."*

Semghet ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

**Joseph Bugeja** xehed fl-4 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur mas-socjeta' konvenuta Bugeja Co. Limited. Huwa spjega li huwa kien jixtri materjal minghand is-socjeta' KCA Plastics Limited u kien distributur taghha. Naturalment huwa jbiegh ix-xoghol li jixtri minghandha. F'dan il-kaz huwa kien xtara xi materjal minghand is-socjeta' KCA Plastics Limited u huwa kien bieghu lil Anthony Cardona u qal illi Anthony Cardona filfatt ghandu l-plumbers tieghu. In segwitu jaf li s-Sur Cardona ghamel talba ghaliex allegatament kellu xi hsarat u huwa minnufih informa lis-Sur Emanuel Spiteri li jahdem ma' KCA Plastics Limited sabiex jaghmel appuntament mal-attur u jara x'kienet il-problema billi jmur fuq is-sit.

Mill-informazzjoni li giet moghtija lilu, is-Sur Spiteri nforma lil xi *surveyor* u hadu xi kampjun ta' xi fittings. Sussegwentement jaf li saret xi laqgha ghand l-*insurance* u huwa ra dan il-*fitting*. Pero' spjega li dan il-*fitting* effettivament ma kienx komplut. Huwa kull ma ra kien il-bazi tieghu u mhux bhala oggett komplut kif ibieghu hu. Ix-xhud sostna li lis-Sur Cardona huwa bieghlu l-prodott biss. L-installazzjoni ma hax hsiebha hu u filatt huwa ma jaghmel installazzjoni ghand hadd. Mistoqsi jekk qattx mar fil-proprjeta' Flat 6B, Block B, Fort Mansions, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex wiegeb illi ma marx u l-ftehim li fil-fatt ghandu ma' KCA Plastics huwa li meta jinqala' ntopp, irid jikkejterja ghalih hu.

Ix-xhud ikkonferma li l-prodott in kwistjoni jikkoncerna pajpijiet u prodotti tal-installazzjoni tal-ilma. Ghalhekk apparti l-pajpijiet huma jbieghu wkoll il-*connections*. L-*elbow fittings* in kwistjoni mhumiex ezattament *clip on* u filfatt hemm *grab ring*. Ix-xhud sostna li huwa qatt ma mar *on site* ghand is-Sur Cardona. Lilu kull ma qalulu hu li allegatament din il-hsara li sofra s-Sur Cardona kien kagun ta' *elbow* u huwa l-*insurance* kull ma urewh kien dan l-*elbow*. Il-*grab ring* pero' qatt ma raha. Mistoqsi jekk kienx hemm xi *claims* ohrajn fejn l-*elbows* marru u jekk kienx hemm problemi dwar *leakages* wiegeb li iva kien hemm. Pero' huwa f'dan il-kaz li l-aktar li gew soffruti danni. Problemi b'dawn l-*elbows* fil-passat kellhom u cioe' bil-*fittings* taghhom u skont ma' Manuel Spiteri tal-KCA Plastics jghid lix-xhud ma jaqbilx li ddahal l-*insurance* meta l-hsara tkun haga zghira, u cioe' xi siegha xoghol u bicca fitting u ghalhekk is-soltu jirrangaw huma. Huwa spjega li meta mar ghand l-insurance kien hemm biss il-*casing* ta' barra tal-*elbow*, l-*O ring* u l-*grab ring* ma rahomx. L-insurance beda jghid illi l-*elbow* kienet tajba minkejja ma kellhiex *grab ring* u l-*O ring* ghaliex kienu ttestjaw il-plastic ta' barra. Huwa kien hallas lis-socjeta' KCA Plastics ghall-materjal li kienu xtraw u s-Sur Cardona kien ukoll hallas lilu ghal dak li kien xtara minghandu.

Mistoqsi meta xtara dawn l-affarijiet minghand KCA Plastics qal li bl-amment ma jafx pero' ghandu dokumenti biex jindika meta huwa bieghhom lis-Sur Cardona, ghalkemm m'ghandux fuqu. Fil-fatt kien bieghlu diversi oggetti li kien hemm bzonn ghall-installazzjoni li kien qed jaghmel fil-proprjeta' tieghu. Ix-xhud ilu jbiegh lis-Sur Cardona ghal zmien twil, xi ghaxar snin zgur. Pero' mas-Sur Cardona qatt ma kellu problemi matul dawn l-ghaxar snin. Qatt ma kkomplejnjaw li kien hemm xi difett fl-affarijiet li bieghlu. Ix-xhud spjega li ilu jixtri dan il-prodott minghand KCA Plastics ghal dawn l-ahhar erbatax jew hmistax-il sena circa pero' mhux cert. Huwa spjega li kien hemm hafna aktar minn ghaxar darbiet li kellhom *complaints*

fuq dawn il-prodotti. Il-*grab ring* ghandu funzjoni li l-pajp jidhol u ma jergax johrog. Meta tigi l-pressa tal-ilma, il-pajp jiehu daqqa u jibqa' hemm. Huwa cirku bis-snien u dac-cirku jidhol gol-*fitting*. Il-*grab ring* ghandu s-snien u l-pajp jidhol go fih u s-snien huma puntati mod illi l-pajp jidhol u ma johrogx. Huwa stqarr illi jista' jkun illi effettivament jekk il-*plumber* ma jdahhalx il-pajp sew fil-*grab ring* dan ma jaqbadx u jekk tigi l-pressa tal-ilma jahrab.

Illi Joseph Bugeja rega' xehed in kontro-ezami fit-8 ta' Frar, 2016 fejn ikkonferma li l-materjal li biegh lil Anthony Cardona, hu kien xtrah minghand KC Plastics. Qal li huma responsabbli wkoll ghas-*service* wara l-bejgh u stqarr li l-istess problema li nqalghet ma' Cardona fil-fatt inqalghet ma' haddiehor. Qali li kien informa bil-problema lil ta' KC Plastics, certu Manuel, u qallu biex imur fuq il-post. Jaf li minn fuq il-post ingabret biss parti mil-*elbow* u ghalhekk ma setax jivverifika x'gara ghax ma rax kollox, inoltre hadd ma wrieh xejn allura ma jafx x'kien mar. Filfatt ta' KC Plastics kien qallu li se jiehu *over* hu w kien se jara hu x'kien hemm bzonn.

Iddeskriva dan kollu bhala incident sfortunat, ghaliex peress li s-Sur Cardona ma kienx hemm, l-ilma baqa' niezel u saret hsara kbira, waqt li fi *flats* ohra l-hsara kienet limitata ghaliex in-nies kienu hemm. Spjega li jkun hemm kazijiet fejn '*the man in the street'* imur jixtri l-*connections* u jqabbadhom hu stess u mbaghad ma jdahhalx il-pajp kif suppost, u f'dak il-kaz ma jkunx tort tal-prodott. Dan ma kienx qed jghidu ghal dan il-kaz partikulari. Zied jghid pero', li l-maggor parti tan-nies li juzaw din is-sistema huma kuntratturi u *plumbers* u huma dejjem jghidulhom biex jaghmlu l-*pressure test*. Jghidulhom li s-sistema tiflah *thirty* u biex ituh sa *ninety* biex dak li ghandu jigri jigri.

Ix-xhud zied li huwa kien mar mas-Sur Cardona ghand tal-*insurance*, pero' din hi l-ewwel darba li spiccaw il-Qorti ghaliex fil-passat id-danni dejjem kienu minimi. Kompla li hu qatt ma hallas xejn, pero' meta jara li l-klijent ikollu l-hsara, jiehu hsieb li jkun ikkumpensat u jkun ghalhekk li jghaddi l-kaz lil KC Plastics. Ikkonferma li hu ra biss *body* ta' *elbow* u ghaldaqstant ma jistax jghid mija fil-mija x'kienet il-kawza tal-incident jew ta' min kien it-tort. Madanakollu ikkonferma li Emanuel Grech kien klijent tieghu sa minn qabel dan l-incident u ma kienx l-ewwel darba li hadem b'din is-sistema. Iddikjara li KC Plastics dejjem hallset. Qal li kellha tiddahhal l-*insurance* peress li l-ammont kien kbir.

**Anthony Cardona** xehed fil-5 ta' Novembru 2014 fejn iddikjara li huwa jiftakar illi kien qabbad lil Emanuel Grech sabiex jaghmel xi xoghol fil-proprjeta' tieghu Flat 6B, Block B, Fort Mansions, Ta' Xbieb Terrace, Ta' Xbiex. Dan ix-xoghol jikkonsisti f'xoghlijiet ta' dawl u ilma. Sa fejn jaf hu x-xoghol sar minn Emanuel Grech. Darba minnhom fost l-ohrajn kien qieghed Ghawdex u kienu cemplulu u qalulu li kien hemm xi perkolazzjoni ta' ilma mill-proprjeta' tieghu. Huwa spjega li effettivament il-perkolazzjoni tant kienet qawwija li mill-flat tieghu baqghat niezla ghal zewg appartamenti sottostanti. Nel frattemp qal ukoll illi kien xi hadd li kien ghalaq il-*main* pero' l-hsara kienet diga' saret ghax kien spara pajp minn mal-*elbow* u qal illi dan il-pajp kien jinsab fuq is-suffitt ta' fuq. Hsara in kwistjoni sehhet minhabba l-isparar ta' dan il-pajp minn mal-*elbow*. L-ilma effettivament hareg minn dan l-istess pajp.

L-attur iddikjara li Emanuel Grech xtara l-pajpijiet u l-*elbows* minghand Bugeja Co. Limited pero' x-xoghol effettivament sar minn Emanuel Grech. Wara li gara l-kaz jaf li ra l-pajp maqlugh minn mal-*elbow*. Mistoqsi jekk kienx hemm pajpijiet ohrajn imwahhlin ma' *elbows* qal illi iva effettivament kien hemm u ghad hemm. Huwa kull ma ra huwa l-pajp maqlugh minn mal-

*elbow*. L-installazzjoni saret minn Emanuel Grech. L-attur jidhirlu li huwa personalment kien li hadem fil-flat tieghu. Effettivament stqarr illi kien ikun Emanuel Grech li jigbor il-pajps u l-armar ghall-flat tieghu u huwa kien imur ghand Bugeja Co. Limited sabiex ihallas ta' dak li kien jigbor Emanuel Grech. Naturalment l-attur kien ihallas skont l-*invoice*. Fl-*invoice* jista' jkun li jkun hemm ukoll xoghol ta' bnadi ohrajn u spjega li effettivament ma kinitx l-ewwel darba li huwa xtara minghand Bugeja Co. Limited. Dan il-materjal gieli uzah fi bnadi ohra minn tieghu. Huwa filfatt ma kienx hu li ghazel dan il-materjal, kien l-*electrician* li kien imur jixtri u l-attur kien ihallas skont dak li jixtri l-*electrician*. L-attur kien imur ihallas fizikament ghand Bugeja. L-invoice kienet tkun jew f'ismu jew f'isem il-kumpanija tieghu. Kien ikun Emanuel Grech li jiddeciedi jmur jixtri minghand Bugeja u effettivament baqa' jixtri minghand Bugeja sal-gurnata ta' qabel ix-xhieda tieghu. Huwa ilu snin twal jixtri minghand Bugeja Co. Limited u parti mix-xoghol tieghu huwa li jizviluppa proprjeta'.

L-attur stqarr illi ma tantx jaghmel kwistjonijiet ta' ilma. Is-soltu huwa jaghmel biss kwistjonijiet ta' elettriku. Pero' dan il-flat in kwistjoni huwa tieghu personali u ghalhekk li ndahal fil-kwistjoni ta' ilma. Huwa sa dak iz-zmien dejjem kien xtara affarijiet ta' *plumbing* u elettriku minghand Bugeja ghax sa dak iz-zmien qatt ma nqalalu xi kwistjonijiet u ghadu jixtri minghandu sa llum. Huwa ma kellux problemi ohrajn apparti din il-problema. Il-*plumber* u cioe' Emanuel Grech kellu jghaddi l-pajpijiet, kellu jaghmel pajpijiet fil-flat kollu. Huwa jaf li hemm erba' kmamar tal-banju, il-kcina u hemm ukoll toilet u jaf li l-problemi kien f'kamra tal-banju wahda biss. Mistoqsi kemm kien ilu lest il-*plumbing* qabel ma nqala' l-incident in kwistjoni qal li kien ilu lest xi xhur. Effettivament l-incident inqala' ftit wara li qabbdu l-*meter* u l-*main*. Filfatt dan il-pajp kien ilu bil-pressa sitt xhur u kien mghotti bis-suffitt. Meta sar ix-xoghol tal-*plumbing* naturalment is-suffitt ma kienx ghadu sar. Huwa kien diga tefa' l-ghamara, ghamel il-

parquet u kien lest biex jidhol go fih meta nqala' dan l-incident. Il-*plumbing* kien ilu lest xi disa' xhur qabel l-incident in kwistjoni. Meta' ghaddew il-pajpijiet kien ghad fadal xi xoghol xi jsir u cioe' tikhil, tibjid, *soffitt, parquet,* madum tal-hajt u tal-art. Il-pajp in kwistjoni li spara kien ghaddej minn kuritur li jaghti ghall-kmamar tas-sodda. Filfatt pjuttost lanqas ghandu x'jaqsam mal-kamra tal-banju. Il-pajp li mar kien effettivament il-pajp tat-tluq. Dan li kien sejjer ghall-kcina biex imur ghal got-tank. Huwa spjega li wara l-incident huwa kien cempel il-*plumber* biex isewwi. Mistoqsi jekk effettivament il-*plumber* biddillx il-parts wiegeb li iva biddilhom pero' fil-bidu uza l-istess *fittings*. Mistoqsi jekk l-*insurance* gabritx il-*fitting* qal li jaf li gabret parti minnu.

**Anthony Cardona** rega' xehed nhar il-11 ta' Novembru, 2015 fejn iddikjara li hu proprjetarju flimkien ma' wliedu tal-fond mertu tal-kawza. Qal li l-flat kienu xtrawh hu w martu li llum il-gurnata hija mejta w l-eredi taghha huma uliedhom. Ipprometta li jezebixxi kopja tal-kuntratt relattiv fis-seduta sussegwenti. Spjega li kien xtrah fuq il-pjanta w ha hsieb bnieh. Qal li kien inkariga lil Emanuel Grech biex jaghmel ix-xoghol tad-dawl u l-ilma fil-flat izda zied li ghall-materjal li kien jigi wzat fil-flat tieghi kien ihallas hu. Effettivament dan kien xtrah minghand Bugeja li min-naha tieghu kien xtrahom minghand haddiehor. Qal li hu kien minghalih li l-materjal kien minn barra pero' ma kienx u filfatt kien jigbru Emanuel Grech. Huwa qal li kien beda b'dawn ix-xoghlijiet meta martu kienet ghadha hajja, izda meta mietet kien waqaf ghal xi zmien, imbaghad kompla.

Spjega li effettivament l-ilma kien ilu mqabbad xi sitt xhur qabel ma sehh l-incident mertu tal-kawza, jigifieri s-sistema tal-ilma kienet lesta w kienet sahansitra anke mqabbda mal-*main* sitt xhur qabel ma sehh l-incident. Filfatt, qal, kienu sahansitra qabduh mal-komun sakemm wasal l-arlogg. Ghalhekk, insista, s-sistema tal-ilma kienet ilha tiffunzjona ghal xi sitt xhur zgur qabel ma sehh dan l-incident. Kompla li meta effettivament is-sistema

kienet lesta, Emanuel Grech kien ghamel *pressure testing* tas-sistema. Qal ukoll illi s-suffett kien lest qabel ma sehh l-incident.

**Anthony Cardona** kompla jixhed fit-8 ta' Frar, 2016 fejn ikkonferma li huwa sid il-proprjeta' Flat 6B, Block B, Fort Mansions, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex, liema proprjeta' kien xtraha permezz ta' zewg kuntratti flimkien mal-mara tieghu. Qal li wiehed minn dawn il-kuntratt huwa datat 22 ta' Marzu 2004 u l-iehor 16 ta' Novembru 2006 u li t-tnejn jinsabu ezebiti fl-atti. Huwa qal li l-mara tieghu illum hija mejta u sehmha wirtuh it-tfal Stefan u Christian Cardona.

Ftakar li fil-21 ta' Gunju tas-sena 2013 kien inqala' incident fl-appartament tieghu fejn darba minnhom waqt li kien gej minn Ghawdex kienu cemplulu n-nies tal-fletsijiet ta' taht u qalulu li kellu xi ilma. Fil-fatt fil-post sab stragi, tant li l-ilma baqa' niezel sa zewg sulari l-isfel. Spjega li l-ilma kienu lahqu ghalquh mill-main t'isfel u ma kien hemm xejn x'taghmel hlief li jirranga l-hsara li sab. Spjega li l-post ta' tahtu kien gebel u saqaf, u allura kien tkellem ma' ta' taht dan il-post biex jara ezattament xi hsarat kien hemm. Kien cempel ukoll lill-electrician Emanuel Grech biex imur fuq il-post biex jaraw x'gara w ma garax, fejn irrizulta li kien hemm pajp fis-suffett li hareg minn go iehor. Sostna li effettivament kollox kien baqa' kif kien salv ghall-pajp li hareg mis-*socket*. Qal illi l-pajp kien ilu mwahhal ghax effettivament sahansitra anki s-suffett kien imwahhal fuqu.

Mistoqsi jekk Emanuel Grech kienx ghamel xi *pressure test* fuq l-ilma meta lesta mix-xoghol, wiegeb fl-affermattiv. Kompla li l-ilma kien ilu installat xi sitt xhur u li hu kien ra l-pajp mahrug minn gol-*elbow* u ma kien hemm xejn imwahhal mieghu. In segwitu' tkellem mas-Sur Bugeja wkoll ghaliex l-affarijiet kienu nxtraw minghandu w kien spjegalu x'kien gara. Kompla jispjega li Bugeja kien qabbdu ma' KC Plastics, il-kumpanija li

timmanifattura dawn l-*elbows* u ghall-ewwel din qaltlu li kienet se thallas kollox, pero' mbaghad meta rat l-ispejjez involuti dahhlu l-insurances. Zied li Bugeja kien qallu li din is-sitwazzjoni gieli grat qabel, u mhux darba jew tnejn, u filfatt qal li waqt li kien qieghed fil-hanut ghand is-Sur Bugeja kienet marret persuna ohra w qaltlu l-istess haga, cioe' li kien hariglu l-pajp.
Sostna li filfatt KC Plastics qalet li kienu lesti jirrangaw kollox wara li jaraw xi spejjez kien hemm involuti w filfatt KC Plastics qalu li dejjem hallsu ghaliex l-ispejjez kienu ftit, pero' meta jkunu involuti spejjez kbar ma jhallsux. Qal li a fol. 77 tal-process hemm prospett tad-danni sofferti minnu mmarkat bhala Dokument AC2 fl-ammont ta' €8,209.21 flimkien ma' ricevuta ta' hlas li sar minnu inkluz ix-xoghol li kellu jsir fl-appartament t'isfel Flat 2B fl-ammont ta' €826, skont ir-ricevuta Dok. X2.

Ftakar li meta wasalt fuq il-post kien wahdu, w kien sab li l-main tal-ilma kienu ghalquh tal-appartament numru 2. Dak il-hin is-soffitt tal-appartament tieghu kien gia mal-art bil-pressa tal-ilma. Mistoqsi jekk effettivament l-elbow ma baqax shih dakinhar u cioe' li parti mill-elbow spicca mal-pajp, qal illi sa fejn jaf hu, il-pajp rah maqlugh minn mal-elbow, ghalkemm stqarr li hu ma jifhimx f'dawn l-affarijiet. Ftakar ukoll li dakinhar kien cempel lill-electrician Emanuel Grech u dan kien mar ftit wara. Qal li dakinhar il-*plumber* kien rega' wahhal il-pajp kif kien, pero' ma sarx uzu minnu u li ftit granet wara, jekk mhux anke l'ghada stess, l-elbow inbidel. Pero' skond hu nel frattemp l-ilma ma ntuzax, tant li sa sitt xhur wara kien baqa' jaghlaq l-ilma. L-attur qal li hu ma kienx prezenti meta sar il-pressure test, pero' jaf li sar ghax kien ra l-pompa.

Xehed li hu hallas lil tal-flat ta' tahtu ghax dehrlu li la l-ilma kien gie minghandu w hadd ma ried ihallas, bl-irgulija kellu jhallsu hu, ghalkemm ma hassx li effettivament kellu t-tort. Pero' dehrlu li effettivament dak li gralu l-hsara fil-flat 2B gralu l-hsara minhabba li l-ilma nizel mill-flat tieghu.

Spjega li l-*elbow* kien taha lil Gordon tal-insurance pero' l-affarijiet ta' go fiha ma hadhomx u dan ghaliex sa fejn jaf hu l-*plumber* kien lahaq qata' l-pajp. Fil-fatt kien rah mieghu. Pero' spjega li t-tieni darba, meta gew biex ibiddlu l-*elbow*, inbidel kollox gdid, ta' gewwa u ta' barra. Stqarr li ma jafx ghaliex lil tal-insurance ma kienx tah l-*elbow* komplet, ghalkemm zied li tal-insurance kienu damu hafna biex imorru w jista' jkun li nel frattemp kien ramih. Filfatt kienu damu x-xhur jistennew l-Inginier tal-insurance. Spjega li meta l-*plumber* mar biex jaqla' l-pajp it-tieni darba, kien hall l-elbow u qatghu, izda stqarr li ezattament x'ghamel il-plumber ma jiftakarx u lanqas ma kien prezenti waqt li l-plumber kien qed jaghmel ix-xoghol. Filfatt jahseb li c-cavetta tal-flat qieghda ghand il-*plumber*.

Huwa sostna li Emanuel Grech hadem fuq proprjetajiet ohrajn tieghu u ghadu jahdem sal-lum, u qatt ma kien hemm problemi bhal dawn qabel. Ikkonferma li l-elbow finalment inbidlet kollha.

**Emanuel Grech** xehed fil-5 ta' Novembru 2014 fejn ikkonferma li x-xoghol li sar fil-blokk B, Flat 6B, Fort Mansions, Ta' Xbiex Terrace sar minnu bhala *plumber* u *electrician* u kien gie mqabbad minn Anthony Cardona. Huwa kkonferma li l-materjal li uza kien xtrahom mis-socjeta' Bugeja Co. Limited. Sa fejn jaf hu dana jsir minn KCA Plastics Limited pero' dan sar jafu wara. Mistoqsi jekk huwa qattx uza dan il-materjal wiegeb li iva huwa ilu juzah ghal dan l-ahhar ghoxrin sena. Din hija l-ewwel darba li kellu problema ta' dan it-tip. Il-flat in kwistjoni ghamel id-dawl u l-*plumbing* kollu. Huwa tenna li f'dan il-flat kien hemm dizlivell u ghalhekk kellhom jghaddu l-pajpijiet minn fuq is-saqaf bilfors. Wara li sehh l-incident in kwistjoni huwa mar fuq il-post u qal illi l-hsara li saret kien kawza tal-*elbow* minhabba l-ilma. Il-problema donnha dehret mill-*O ring* ta' gewwa. Huwa meta mar fuq il-post naturalment kixfu parti mis-suffett u ra li kien hemm dizastru ghax is-suffett kien waqa'.

Huwa spjega illi l-pajp maqlugh u l-*O rings* u l-affarijiet kienu ghadhom maqbuda mal-pajp. Nghid illi parti mill-*elbow* kien mal-pajp u parti mill-*elbow* baqa' mal-*elbow* u dan ghax l-*elbow* in kwistjoni jinqasam fi tnejn. Dan huwa *elbow* b'zewg toqob, iddahhal il-pajp kull naha. Dan l-*elbow* partikolari speci ghandu grip li meta ddahhal il-pajp jiklikkja. Mistoqsi x'kien hemm wiegeb li ma jafx bl-ezatt pero' fil-fehma tieghu kien hemm difett f'l-*O ring* tal-*elbow* ghax suppost meta ddahhal il-pajp jekk tigbdu ma jinqalax. Mistoqsi jekk huma jaghmlux *pressure test* meta jlestu x-xoghol wiegeb illi iva jaghmlu. Filfatt ix-xoghol kien ilu lest xi sitt xhur. Is-soltu meta jkun hemm accident jew ma jkunx faqqghu sew u jinduna minnufih u lanqas il-kwantita' tal-ilma li filfatt nizel fil-kaz in kwistjoni. Li kieku huwa ma faqqghux sew kien jaghmel mill-ewwel. Issa f'dan il-kaz l-ilma kienet ilha nstallata sitt xhur.

Huwa kompla jixhed in kontro-ezami fejn iddikjara li l-pajp il-maqlugh kellu mwahhal mieghu l-parti ta' gewwa tal-elbow, appuntu l-iskorfina, il-grip, l-ispacer, il-washer, l-O ring tal-lastiku u l-kumplament tal-*elbow* kien ghalih in-naha l-ohra. Huwa spjega li l-*grip* sa fejn jaf hu baqa' mal-pajp. M'huwiex minnu dak li gie suggerit lilu illi meta mar biex isewwi qabad l-istess pajp u rega' ggripjah. Mistoqsi jekk marx xi hadd tal-*insurance* meta kien fuq il-post wiegeb li iva mar u ha bicca mill-*elbow* mieghu. Huwa ma hax il-parti li kienet imwahhla mal-pajp, in-naha l-ohra u l-kumplament hallieh hemm ghax tal-insurance qallu li kienu ser jintbaghtu engineers. Huwa kkonferma li l-ewwel irranga l-affarijiet li kien hemm u sussegwentement is-Sur Cardona nsista li jbiddel il-*fitting*. Il-pajp tal-ilma baqa' l-istess. Filfatt kull ma ghamel huwa li biddel l-*elbow*.

Ix-xoghol kien ilu lest kwazi sena qabel ma gie nstallat il-meter u meta ghamel ix-xoghol, lestieh u ghamel *pressure test*. Il-post kien ilu lest kwazi sena u ghamlu sitt xhur bla ilma. Il-meter ma wahhlux hu izda wahhluh tal-

ARMS. Meta nstallaw il-meter ix-xhud rega' mar fuq il-post pero' ma regax hadem fuq is-sistema tal-ilma. Huwa ddikjara li qabel ma sar is-*suffitt* il-pajp kien ilu xi sitt xhur fuq il-pressa. Kemm kien ilu lest is-*suffitt* qabel ma sehh l-incident ma jafx pero' kienet kwistjoni ta' xhur. Mistoqsi ghaliex xtara l-parts minghand Bugeja wiegeb li ghamel hekk ghax Bugeja huwa klijent tieghu u jixtri minghandu. Is-Sur Cardona qatt ma baghtu hemm.

**Emmanuel Grech** rega' xehed in kontro-ezami fit-8 ta' Frar, 2016 u fuq mistoqsija li saritlu, qal li huwa kien ghamel pressure test xi sitt xhur qabel sehh l-incident. Fil-fatt ghamel test bil-pompa w iehor bil-*pressure test*, u kkonferma li ma kien hemm l-ebda nuqqas fl-istallazzjoni. Sostna li meta kien mar fuq il-post dakinhar tal-incident, kien ra illi parti mill-*elbow* kienet mal-pajp maqlugha filwaqt li parti ohra kienet imwahhla mal-*elbow*. Qal li lis-Sur Bugeja kienu spjegawlu x'kien gara. Rega' spjega li parti mill-*elbow* kienet imqabbda mal-*elbow* u kien hemm il-pajp *fittings* fuq in-naha l-ohra.

Zied li minkejja li l-*main* kien inghalaq minn isfel, peress li kien hemm hafna tul, l-ilma baqa' gej u kien ghalhekk li qabbad il-pajp mal-*elbow* li kien hemm, biex jevita li l-ilma jibqa' niezel. Din kienet mizura temporanja biex l-ilma ma jibqax johrog. Wara filfatt l-elbow biddilha fl-intier taghha pero' ma xtaq imiss xejn qabel imur tal-insurance, pero'mbaghad tal-insurance taw il-go ahead biex din tinbidel peress li s-Sur Cardona kien dam zmien twil jistenna li jmur l-inginier li pero' baqa' ma marx. Qal li hu inghata struzzjonijiet biex ibiddel kollox. Ftakar li meta kienu marru tal-insurance fuq il-post, kien hadu parti, imma l-parti ta' mal-pajp ma kienux talbuhielhom. Zied li s-Sur Cardona kien ghamillu premura li l-*elbow* tinbidel bil-fittings b'kollox. Ix-xhud ikkonferma li ra l-hsara dakinhar tal-incident, partikolarment ra l-parquet minfuh ghalkemm tal-*insurance* bdew jghidu li kien tajjeb. Semma li kien hemm xi ghamara li wkoll kienet intefhet, is-suffett kollu bid-dawl kien mal-art u l-hitan imxarrbin. Pero' ma jafx xi hsara kien hemm isfel.

Rat l-affidavit ta' **Emanuel Grech** li gie pprezentat nhar it-12 ta' Mejju 2015 fejn qal li hu ilu jaf lil Anthony Cardona ghal aktar minn ghaxar snin peress li jahdimlu l-installazzjoni tad-dawl u ilma f'diversi propjetajiet u qal li qatt ma jaf li kellu ebda problema relatata mas-sengha tieghu u lanqas ma' Anthony Cardona.

Ix-xhud qal li kien gie mqabbad minn Anthony Cardona sabiex jahdimlu l-installazzjoni tad-dawl u l-ilma gewwa Fort mansions Ta' Xbiex vicin tar-restaurant Mamma Mia. Ix-xoghol ma kienx wiehed kontinwu minhabba li kien jibda hu u mbghad kienu jsiru xoghlijiet ta' madum, tikhil u suffitti u fl-ahhar kien jiffinalizza x-xoghlijiet li ghandhom x'jaqsmu mad-dawl u ilma. Kien lesta x-xoghlijiet kollha u s-Sur Anthony Cardona kien kuntent b'xoghlu tant li anke kien thallas ta' xoghlu.

Jiftakar li l-*main* ta' l-ilma kien ilu miftuh mill-bidu nett u jiftakar li wara madwar seba' xhur, is-Sur Cardona kien cempillu fil-21 ta' Gunju 2013 u qallu li ghandu dizastru fil-post fejn kien hadem hu peress li mar *pipe* tal-ilma tant illi waqa' s-suffitt. Dakinhar stess mar jiccekkja x'kien gara, fetah parti mis-suffett u sab li spara elbow minn dan il-*pipe*. Naturalment l-ilma ma kienx ghadu hiereg meta wasal hu ghax il-*main* kien inghalaq. Nehha l-affarijiet li ra ta' periklu specjalment relatati mad-dawl peress li kienu xxarrbu qabad *elbow* u wahhal qafas iehor temporanjament biex ma jqattarx ilma. Jiftakar li mar javza lil Bugeja Co Ltd dwar dan peress li kien ordna l-pajpijiet u fittings tal-ilma minghandom u kienu thallsu minn Anthony Cardona u x-xhud kellem lill haddiem ta' Bugeja Co Ltd certu Gaetano li naturalmet informa lil Joe Bugeja dwar dan. Joe Bugeja kien tkellem ma' min ghand minn xtara l-*fittings* jigifieri Manuel Spiteri u dan Manuel Spiteri irranga mal-*insurance* u sar appuntament biex jiltaqghu kollha fuq il-post u dan xi jiem wara sar jaf b'dak li kien gara.

Dakinhar kienu prezenti hu, s-Sur Anthony Cardona, Manuel Spiteri u s-*Surveyor* tal-*insurance*. Kien deciz li s-*surveyor* tal-*insurance* kien ser jibghat *engineer* biex jiccekkja l-installazzjoni kollha ta' l-ilma u dan jekk saritx kif suppost. Waqt din il-laqgha l-*main* tal-ilma kien maghluq u dan kien ilu maghluq minn meta gara l-kaz u dak il-hin l-*elbow* kienet temporanjamnet imqabbda biex ma jqattarx ilma. Tal-*insurance* ha wkoll bicca mill-*fitting* u mhux kollha jigifieri il-qafas ta' barra biss allura zgur illi ma kienux ittestjaw l-*elbow* kompluta bhal skorfini, il-*grap ring*, l- *O ring* u l-*washer*. Wara madwar xahar l-*engineer* kien ghadu ma ntbghatx u jiftakar li Anthony Cardona kien jghidlu illi kien icempel lil tal-*insurance* ta'spiss u x-xhud kien ghamel enfasi mas-Sur Cardona li ma jintmess xejn qabel ma jigi l-*engineer*. Wara x-xhud gie nfurmat minn Anthony Cardona illi l-e*ngineer ma* kienx ser jintbghat u tal-*insurance* qalulu li jistgha jibdel l-*elbow* u jaghlaq bis-suffett. Ix-xhud l-*elbow* bidlu kompletament biex ma jissugrax li jerga jkun hemm xi hsara fl-istess *elbow*.

Ix-xhud spjega illi hi ilu f'din is-sengha ghal fuq minn ghoxrin sena u jaf li kieku x-xoghol ma jsirx sew, dan juri mal-ewwel peress li jibda joqtor u meta jkun hemm *gypsum* bhal dan il-kaz kieku kien jinduna mal-ewwel taqtira.

F'dan il-kaz ix-xoghol li kien sar minnu sar skond is-sengha tal-arti, kien l-*elbow* li kien diffettuz ghalkemm ma kellu l-ebda qsim ghax li kieku kien jarah. Qal li l-ewwel darba li kien iffaccja din is-sitwazzjoni ta' *elbow* difettuz f'kemm ilu f'din is-sengha u qatt ma jaf li xi hadd gerger dwar xoghlu tant illi ghadu sal-gurnata tal-lum jahdem lir-rikorrent Anthony Cardona.

**Emanuel Grech** xehed in kontro-ezami fis-17 ta' Gunju 2015. Qal li hu kien mar fuq il-post xi sitt xhur wara, meta effettivament kien cempillu s-Sur Cardona u f'dawk is-sitt xhur l-ilma kien miftuh u kienu ppruvawh. Qal li

meta kien mar sitt xhur wara, kien is-Sur Cardona li fetahlu w l-ilma dakinhar kien maghluq, xi hadd kien ghalqu. Dakinhar ukoll parti mis-soffitti kienu maqlugha, pero' qal illi effettivament is-suffett kien waqa' wahdu. Meta sab is-suffett imwaqqa, seta jara minn fejn kien niezel l-ilma, kixef biex jara fejn kien hemm il-hsara w qala' parti mis-suffett. Spjega li l-pajp ma marx minn fejn kien jidher. Hu kixef is-suffett fejn kien hemm l-elbow, effettivament minn fejn kien hemm il-*leak*. Dan seta' jaghmlu ghaliex kien hadmu hu w kien jaf fejn kien hemm l-*elbow*. X'hin kixef sab illi l-*elbow* kien maqlugh u filfatt il-pajp kellu zewg partijiet mhux ma' xulxin. Kien hemm vojt bejn iz-zewg nahat. Fuq naha kien hemm il-*grab ring u* n-naha l-ohra kien hemm parti taghha mwahhla ghadha maghha. Mal-*grab ring* kien hemm ukoll l-iskorfina li tidhol mal-*elbow*. Mistoqsi jekk dak il-hin biddilx xi haga, wiegeb li ma biddel xejn. Qal li ma kienx hu li ghalaq l-ilma. Spjega li minkejja li l-ilma kien inghalaq, peress li l-pajp huwa twil, dan jibqa' jqattar u jibqa' gej l-ilma. Ghalhekk hu rega' pogga z-zewg bicciet flimkien biex ma jibqax jinzel l-ilma. Dak il-hin is-Sur Cardona ghamel ghalih u qallu 'ara ma jfettillekx terga' taghmilli dak l-*elbow'*. Pero' hu spjega li ghaqqadhom flimkien bhala mizura temporanja biex l-ilma ma jkomplix jinzel u dak il-hin ma biddel xejn.

Kompla li regghu iltaqghu f'okkazjoni ohra ghaliex kien mar is-*surveyor* tal-insurance. Dakinhar quddiem is-*surveyor* tal-insurance, hu qala' l-qafas tal-plastik u ghaddieh lis-surveyor u dan is-surveyor qalilhom li kien ha jibghat inginier biex jiccekja x-xoghol. Il-*Fittings* ma messhomx, hallihom hemm. Izid li filfatt kien qal lis-Sur Cardona li la l-insurance kienet ha tibghat l-inginier, ikun ahjar li jhallu kollox kif kien biex jarhom l-inginier. Minn dakinhar 'l hemm jaf li s-Sur Cardona ma regax fetah l-ilma u anke jaf illi s-Sur Cardona kien icempel lis-surveyor kuljum biex jibghatu l-inginier. L-inginier pero' ghamel xahar biex mar. Wara li kien ta il-qafas lil tal-insurance, hu ma regax ghamel xoghol fuqu.

Kompla jghid li s-Sur Cardona dak iz-zmien kien jghix f'dan il-flat u kien icempel kuljum lil tal-insurance biex jibghatu l-inginier. Wara li kien ghadda perjodu ta' xi xahar jekk mhux aktar, l-insurance qalulu biex jirranga ghax ma kinux se jibghatu l-inginier. Is-Sur Cardona cempillu u nfurmah b'dan u wara li sar dan id-diskors hu qala' l-affarijiet u ghamilhom kollha godda. Sostna illi filfatt is-Sur Cardona kien qallu biex ma jiftahx l-ilma u jhalli l-istess affarijiet. Il-pajp qatghu meta rega' ghamel xoghol mill-gdid. Dan minhabba l-emfasi li kien ghamillu s-Sur Cardona. Qal li una volta ra dak id-dizastru kollu li kien hemm, ma kienx se jhalli l-istess *fittings*. Pero' ma pprovax jigbidhom biex jara xi grif kien hemm. Mistoqsi kif l-*elbow* inqatghat minn mal-*fittings*, qal illi ma jafx u fl-ebda hin ma pprova jigbed mill-*grips* li kien hemm, pero' mill-esperjenza tieghu l-affarijiet marru mill-grip. Qal illi filfatt il-grip jista' jinfetah izda hu fl-ebda hin ma ried jiccekja l-*grips* u lanqas jaf illi l-iskorfina nhallet.

Zied li hu dejjem ikkontenda illi l-kwistjoni sehhet mill-*grab rings*. Il-*grab ring* kienet imwahhla mal-pajp pero' ma jfissirx kinitx tajba jew le. Cahad dak li qed jigi allegat lilu li ma ssikax il-*grab rings* meta wahhalhom ghaliex kieku dan id-dizastru kien jigri mill-ewwel. Il-pressa hemmhekk hija b'sahhitha, ma tilghabx.

**Emanuel Spiteri** xehed fit-3 ta' Dicembru 2014 fejn ikkonferma li huwa jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjeta' KCA Plastics Limited u qal li din il-kumpanija timmanifattura affarijiet tal-plastiks u timporta affarijiet ancillari wkoll. Huma jbiegh certu prodotti in bulk lil Bugeja Co. Limited. Ikkonferma li f'dan il-kaz Bugeja Co. Limited xtrat xi *plumbing fittings* minn ghandu. Huwa jiftakar illi filfatt kien cempillu l-agent Bugeja Co. Limited u qalulu li kellu problema ghax kellu *leakage* fil-*plumbing system*. Ix-xhud filfatt cempel lill-insurance li tkopirih u marru x-xhud u s-*surveyor*

tal-insurance sabiex jaghmlu l-verifiki taghhom. Effettivament huwa mar Fort Mansions, Ta' Xbiex Terrace, Ta' Xbiex. Hemmhekk iltaqa' mas-Sur Cardona u urihom x'kienet il-problema. Fuq il-post kien hemm l-*electrician* u qal li effettivament is-Sur Cardona beda jitkellem direttament mas-*surveyor*. Huma bdew jitkellmu fuq il-parts tal-*plumbing* maghruf bhala *bend* li huwa *elbow ninty degrees*. Effettivament l-electrician u s-Sur Cardona qalu illi dan l-*elbow* kien inqala'. Huma qalu li kien hemm xi f*itting* li nqala' u sussegwentement dina giet mibdula u l-problema ma baqghatx hemm. Mistoqsi x'sar minn dil-*fitting* li nqalghat qal li din tinsab fil-pussess tal-*insurance*. Huwa tenna illi l-*mechanical part* taghha baqghat fuq il-post ghaliex regghet giet intuzata, waqt li l-*body* ta' dil-part giet moghtija lill-insurance sabiex tigi verifikata u skont l-*insurance* qallu li ma kien hemm xejn hazin. Sussegwentement jaf li nfethet din il-kawza.

Mistoqsi min mar fuq il-post qal li kien *surveyor* tas-Sur Galdes pero' llum-il gurnata nesa x'jismu. Is-socjeta' assikuratrici kienet qalet lix-xhud li ma sabet xejn hazin fil-fitting tieghu. Din il-bicca *fitting* giet moghtija lis-*surveyor* mill-electrician li kien qed jahdem fil-post u jekk mhux sejjer zball dan sar fil-presenza tieghu. Huwa qal illi f'dan il-parti hemm il-*fitting*, iddahhal pajp go fih u sussegwentement l-istess pajp ma jkunx jista' johrog ghaliex go fih hemm pajp tal-metall li jzommu, u jrid jillokja. Mistoqsi jekk huma jimmanifatturawx dawn il-*bends* bil-*grabbing* qal illi l-parts jigu minn barra u jimmontawhom hawn Malta. Mistoqsi jekk kellhomx xi *claims* dwar *l-O ring* jew dwar il-*mechanical parts* qal li jekk kellhom kienu minimi fis-sens li jkun hemm xi klijent tajjeb taghhom, ikollu xi problema tal-fitting f'xi hajt u jikkompensawh b'xi haga zghira. Pero' dan meta jkunu ammonti zghar. F'dan il-kazijiet ma jkunux jafu ezattament ta' min hu t-tort. Daqqa per ezempju jghidilhom illi sabu l- *O ring* naqra mqatta' jew affarijiet simili. Il-parts l-ohra *mechanical* regghu gew imwahhla u dan skond ma' qalilhom l-*electrician*.

Huwa spjega li *fitting* hija maghmula mill-*body* u mill-*mechanical parts* li jiffitjaw gewwa u l-iskorfina. Qal illi l-iskorfina u l-*mechanical part* regghu ntuzaw. Il-*body* biss li gie mibdul. Effettivament qal li xtraw *fitting* ohra u uzaw biss il-*body* taghha. X'saru mill-*mechanical fittings* tal-gdida ma jafx. Huwa kkonferma li meta tixtri *bend* ikun fiha skorfina, *washer*, apparti l *O ring* hemm *plastic washer* u xi *grabbings*. Mistoqsi jekk il-*plumber* spjegalux ghaliex effettivament ma uzax l-apparat kollu gdid wiegeb illi ma jafx. Dak li qal dwaru rrizulta ghaliex l-*electrician* beda jghid hekk lis-*surveyor*. Mistoqsi ezattament x'gara f'dan il-kaz qal illi ma jafx. Mistoqsi jekk tistax ticcekja jekk il-*bend* tistax tigi verifikata minghajr il-*mechanical parts* qal li iva ghax hija haga vizwali, taraha b'ghajnejk. Huwa jaf illi tista' taghmel *testing* taghha *visually*. Pero' biex taghmilha taht *under water pressure test* trid tkun kompluta u jekk ma taghmillhiex *water pressure test* ma tistax tikkonkludi jekk hix tajba jew le. Huwa jaf illi kollox tal-antik intuza hlief il-*body* tal-*bend*.

**Emanuel Spiteri** ghan-nom u in rapprezentanza ta' KCA Plastics xehed in kontro-ezami fis-6 ta' Lulju, 2016. Dan spjega li fil-passat meta kien hemm xi *claim* ta' klijent kbir taghhom u l-ammont kien ikun zghir, ma kienux jinvestigaw izda kienu jaqbdu w ihallsu mall-ewwel u dan bil-ghan illi dak li jkun jibqa' klijent taghhom. Qal li ma jiftakarx li qatt kellhom xi problemi dwar il-*mechanical fittings*. **Mistoqsi jekk kellhomx problemi dwar il-*body part*, l-*elbow per se*, wiegeb illi kellhom ghaliex din tkun saret difettuza mill-ewwel u mat-*testing* jindunaw mill-ewwel u jibdlu mill-ewwel. Pero'dan meta l-problema kienet tkun wahda ovvja vizwali. Stqarr li huwa m'ghamel l-ebda *testing* fuq il-*part* in kwistjoni ghalkemm jaf li din giet mghoddija lill-*insurance* u ghamlu t-testing taghhom huma.** Spjega li qabel ma jinbiegh kull *batch* isirlu *testing* skont il-British Standard. **Dan jghidulu *pressure test* u jsir bil-mishun sakemm**

**jilhaq certu temperatura. Qal ukoll li meta jkun hemm xi lment u johdulhom l-*elbow*, isir l-istess test, pero' zied jispjega li t-test ma jistax isir fuq l-*elbow* wahedha izda din trid tkun kompluta bil-*mechanical part* ghaliex test fuq *elbow* bla *mechanical parts* ma jiswa xejn, tara dak biss vizwali.**

**Clint Farrugia** xehed fit-18 ta' Frar, 2015 fejn iddikjara li huwa jahdem mas-socjeta' assikuratrici GasanMamo Insurance u ghandu posizzjoni ta' *claims negotiator*. F'dan il-kaz il-klijent taghhom li huwa rapprezentant minn broker Matthew Hayes u qal li l-klijent taghhom f'dan il-kaz kienet is-socjeta' KCA Plastic li kienu nformaw lil Matthew Hayes Broker li xi hadd kien qed jaghmel *claim* ghal xi perkolazzjoni tal-ilma fil-font Flat 6, Block B, Fort Mansions, Ta' Xbiex. Huwa xtaq jghid illi l-informazzjoni waslet fil-25 ta' Gunju 2013. Filfatt kien iddecieda li jiltaqa' fuq il-post flimkien ma' Matthew Hayes u Mr Emanuel Spiteri ghan-nom tal-KCA Plastics. Mr Joe Buhagiar li huwa s-sid tal-Flat 2B ma kienx prezenti waqt li kienu qed jitkellmu mas-Sur Cardona pero' gie avvicinat minnhom wara. Spjega li kien hemm ukoll Emanuel Grech u Anthony u Stefano Cardona li huma s-sidien tal-flat in kwistjoni. L-ispezzjoni saret fil-25 ta' Gunju 2013. Huwa ra li kien hemm parti mis-suffett mikxufa u kien jidher li nbidel xi *elbow*. Is-Sur Cardona kien qalilhom illi l-incident fil-21 ta' Gunju 2013, kien erbat ijiem qabel. Filfatt qalilhom ukoll li kien sejjah il-*plumber* tieghu u dan ghaliex l-ilma kien niezel u cempillu biex jirranga. Il-*plumber* filfatt ikkonfermalhom li kien biddel l-*elbow*.

Huwa esebixxa din l-*elbow* li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z. Dan id-dokument Z li ghadu kemm ezebixxa huwa l-*elbow* li nbidel in kwistjoni. Dan inbidel fil-21 ta' Gunju 2013 u appena s-Sur Cardona sema illi l-*plumber* kien bidillu l-*elbow* huwa ta struzzjonijiet sabiex jinbidlu l-*fittings* ukoll. Meta mar huwa pero' l-*elbow* in kwistjoni biss kienet giet mibdula

skont ma qalulu. L-*elbow* in kwistjoni giet moghtija lilu mill-*plumber* u dan fil-presenza ta' min kien prezenti mieghu. Ix-xhud ma jafx li effettivament inbidlu xi *fittings*. Huwa spjega li mill-21 ta' Gunju sal-25 meta mar hu, erbat ijiem wara, ma regax hareg ilma. Il-polza in kwistjoni thallas una volta jirrizulta li kien hemm difett. Ix-xhud filfatt sussegwentement qabbad *plumber* biex jittestja jekk dan l-*angle* kienx tajjeb jew le u filfatt il-*plumber* li qabbdu huma kien jismu Andre Cassar, li ghamel it-testijiet fuq dan l-*angle* u sab li ma kien hemm xejn irregolari. Huwa spjega li sabiex sar it-test fuq dan l-*angle,* l-*elbow* ma tistax ticcekjaha wahedha. Qabbad il-fittings li jmorru maghha, wahhalhom flimkien u ghamel testijiet tieghu. Esebixxa kopja ta' dawn il-*fittings* li uza biex jaghmel it-*test* ta' dan l-*angle* li l-Qorti mmarkat bhala Dokument Z2. Naturalment l-*insurance* ma rat l-ebda difett u allura ma ghamlet l-ebda hlas.

Ix-xhud tenna li l-*fittings* in kwistjoni li huma ezebiti bhala Dokument Z2 gew minghand il-*plumber* taghhom. Mistoqsi jekk jafx fejn huma l-fittings li ntuzaw meta' gie nstallat l-*elbow* Z1, fil-25 ta' Gunju kienu ghadhom imwahhlin fil-post. Huwa sostna li ma sarx test bl-*angle*, bil-*fittings* originali ghaliex dawn il-*fittings* originali ma gewx moghtija lilhom. Il-*fittings* in kwistjoni ta' mal-*elbow* ma gewx iccekjati mill-*plumber* taghhom. Il-*plumber* li qabbdu ma talabhomx biex jaghtieh il-*fittings* originali. Mistoqsi kif wasal ghall-konkluzjoni illi l-*fittings* originali li kienu mwahhla mal-*angle* Dok. Z1 regghu ntuzaw mal-*angle* l-gdid qal illi fil-25 ta' Gunju meta marru fuq il-post l-unika parti li qalulhom li biddlu kienet l-*elbow* Z1. Huwa kkonferma li meta' tixtri *angle* tixtriha kompluta jigifieri bil-*fittings* maghha. Lilu pero' l-*elbow* biss tawh f'idu ma tawh l-ebda *fitting*. Il-*fittings* issemmew biss meta s-Sur Cardona qal lill-*plumber* li xtaq li jinbidlu l-*fittings* ukoll. Ix-xhud fehem illi s-Sur Cardona kien qed jirreferi ghal *fittings* bhal dawk ezebiti mmarkati bhala Dok. Z2. Huwa fehem meta qal biex jinbidlu l-*fittings* jigifieri dawk il-*fittings* li jmorru mal-*elbow*. Naturalment

meta' huwa ha l-*angle* li nbidlet u s-Sur Cardona qal sabiex jinbidlu l-*fittings*, naturalment haseb li kien qed jirreferi ghal *fittings* ta' mal-*angle*. Naturalment bhala stat ta' fatt huwa ma jafx jekk intuzawx *fittings* godda jew le mal-*angle*. Ix-xhud ma jafx jekk l-ilma kienx miftuh jew maghluq meta mar waqt l-access. Huwa ma jafx li effettivament l-ilma kien maghluq.

Huwa qaghad fuq il-kelma tal-*plumber* illi huwa kien biddel l-*elbow*. F'dan il-kaz stqarr illi ma tqabbad l-ebda Inginier. Fuq il-post qalu li jista' jkun li jqabbdu inginier. Meta marru l-ufficcju ddecidew li biex jittestjaw l-*angle* kien hemm bzonn *plumber*. Mistoqsi jekk hux minnu illi s-Sur Cardona dam xi tlett gimghat jistenna li jibghatulu l-inginier u li kkomunika mieghu personali, ma jiftakarx. Fil-fajl ma jirrizulta li hemm xejn dwar din il-kwistjoni tal-inginier.

**Andre Cassar** xehed fit-18 ta' Frar, 2015 fejn iddikjara li huwa jiehu hsieb *turnkey contractor* u ilu jaghmel dan ix-xoghol dawn l-ahhar ghoxrin sena. Huwa jaf jahdem ukoll bhala *plumber*. Pero' m'ghandux certifikati. Huwa jiftakar illi effettivament GasanMamo kienu kellmuh fuq xi *elbow*. Huwa ra d-dokument Z1 esebit f'dawn l-atti u effettivament qal li huwa gie mitlub sabiex jaghmel test fuq dan l-*elbow*. Huwa kien qabbad dan l-*angle* ma' *pressure*. Normalment dan jahdem taht *three bar* u tah *ten bar* u hallieh ghal tlett ijiem u ma llikjax. In segwitu x-xhud mar jixtri *elbow* u mal-*elbow* li xtara nghata l-*fittings*. Huwa nehha l-*elbow* li kien hemm mal-*fittings* il-godda u ghamel it-test billi uza l-*elbow* li tah GasanMamo cioe' Dokument Z1, uza l-*fittings* tal-*elbow* il-gdida li xtara li huma ezebiti fl-atti bhala Dokument Z2. Huwa ghamel l-*elbow* taht *pressure* taht *ten bar*, halliha tlett ijiem u ma kienx hemm *leakage*.

Ix-xhud stqarr illi ma staqsiex lil GasanMamo biex jaghtih il-*fittings* tal-angle Dok. Z1. Huwa dehrlu li kellu jixtri l-*fittings* godda biex jaghmel test

fuq l-*elbow* li ghaddewlu. Ix-xhud wasal ghal konkluzjoni li l-*elbow* kienet tajba ghaliex huwa nghata biss l-*elbow* u meta huwa ezamina l-*elbow* mal-*fittings* li xtara dehrlu li tat rizultat tajjeb. Huwa wasal il-bar li kellu jintuza fuq l-ezami li kellu jaghmel skont is-sengha tieghu. Mistoqsi jekk effettivament l-*elbow* li huwa ezamina kellux xi marki jew dati fuqu jghid li ma jiftakarx ghax ilu zmien li ghamel dan it-test. Huwa ma jistax jghid jekk effettivament dan it-test li ghamel kienx fuq Dokument Z1. Mistoqsi jekk il-*fittings* in kwistjoni cioe' dawk ezebiti bhala Dok. Z2 huma dawk li hadem fuqhom jew le, dak ma jistax jghid pero' huma simili zgur. Huwa kien xtara *fittings* u ghaddihom lill-*insurance*. Dawn ma baqghux dejjem f'idu u allura ma setghax jikkonferma li kienu l-istess. Mistoqsi kif tigi kkagunata hsara bhal din jghid illi jekk l-angle ikun maqsum u jekk tpoggieh *under pressure* jillikja u allura jidher. Jista' jkun li l-pajp ikun maqsum u jista' jkun li ma jkunx *clipped* tajjeb jew ikun hemm difett fl-accessorju.

Ix-xhud qatt ma mar fil-post u ma ra l-ebda *fitting*. Spjega li meta jigi mitlub biex ibiddel *elbow* huwa jmur jara l-post u jbiddel l-*elbow*. Mistoqsi jekk ibiddilx l-*elbow* flimkien mal-*fitting* jghid li kollox jiddependi skont li ssib meta tiftah, jekk issibx hsara jew le ghax per ezempju gieli ssib illi l-*washer* ikun maqrus u allura tbiddlu. Jekk huwa jara li l-accessorji l-antiki jkunu tajbin meta jbiddel l-*elbow* il-gdida jhalli l-istess accessorju. Fil-fatt il-*grip* tigref allura biex taqlaghhom ikompli jigirfu aktar il-pajp allura tista' tikkawza aktar hsara. Lanqas il-*washers* dejjem jinbidlu ghax jinbidlu biss jekk tara li huma maqrusa. Fil-fehma tieghu pero' l-iktar haga normali meta jkun *leak* hu meta l-pajp ma jkunx imdahhal sew.

Illi fis-17 ta' Gunju, 2015 xehed **John Galdes** Senior Manager mad-Dipartiment tal-Claims ta' Gasan and Mamo Insurance. Dan ikkonferma li fuq il-post kienu baghtu surveyor jismu Clint. Wara li ghamel l-ispezzjoni tieghu, Clint kien qallu li rigward dak li kien gara fil-fehma tieghu kien necessarju li jintbaghat inginier, pero' hu kien qallu li ma kienx hemm bzonn

peress li l-allegazzjoni kienet fuq *elbow*, li seta' jigi ttestjat billi jitqabbad *plumber* biex jaghmel testing taht certu *pressure.* Ikkonferma li din kienet id-decizjoni tieghu, cioe' li jitqabbad *plumber* u ghalhekk qatt ma baghtu inginier. Stqarr li l-*elbow* in kwistjoni raha ghaliex kien tahielu Clint, u effettivament kien hemm il-casing ta' barra biss. L-*elbow* li huma taw lill-*plumber* kien l-elbow wahdu, l-affarijiet ta' gewwa - il-*washers,* l-i*screws* u l-*grab ring* ma waslux ghandu ghaliex Clint tah biss l-elbow.

Semghet lill-partijiet jittrattaw din il-pendenza u dan fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2016.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza l-fatti li taw lok ghall-azzjoni odjerna kienu s-segwenti:

1. L-attur Anthony Cardona kien qabbad lill-konvenut Emmanuel Grech sabiex jaghmillu xi xoghol ta' elettriku u plumbing gewwa l-fond appartament li jappartjeni lilu u lill-uliedu u cioe' il-fond 6B, Block B, Fort Mansions, Ta Xbiex Terrace, Ta' Xbiex.

2. Illi jirrizulta li Emmanuel Grech huwa plumber u electrician u kien mar jixri l-materjal minghand is-socjeta' Bugeja Co Limited u fost l-affarijiet li kien xtara kien xtara wkoll l-materjal ghall-plumbing konsistenti f'numru ta' pajpijiet u fittings fosthom l-elbow mertu tal-kawza.

3. Illi jirrizulta wkoll li l-materjal li kienet tbiegh is-socjeta' Bugeja Co. Ltd kienet tixtrih minghand il-kjamat in kawza KCA Plastics Limited.

4. Illi rapprezentant ta' din l-istess socjeta' u cioe' Emmanuel Spiteri ikkonferma li l-materjal uzat fis-sistema tal-plumbing go l-appartament

mertu tal-kawza fejn sehhet din il-hsara kollha kien gie mixtri minghandha.

5. Illi jirrizulta wkoll illi din is-socjeta' kjamata in kawza kellha diversi claims ohra dwar difeft fil-materjal supplit minnha fis-sens li l-elbow ma kinitx tiggrippja izda peress li l-ammonti ma kienux ikunu kbar, kienet taghmel out of court settlement.

6. F'dan il-kaz pero' hasset li, stante li l-ammont kien wiehed kbir, kellha tinvolvi l-insurance taghha s-socjeta' GasanMamo Insurance.

7. Illi skond l-attur, u dan mhux kontestat, darba minnhom fost l-ohrajn waqt li hu kien qieghed Ghawdex fuq btala kien ircieva telefonata mir-residenti li joqghodu zewg sulari isfel minn fejn kellu l-appartament hu u infurmawh li kellu hafna ilma hiereg mil-appartament tieghu u li ghalhekk kienu ser jaghlqulu l-main u hekk ghamlu.

8. Meta is-sur Cardona irritorna lura Malta, flimkien mal-konvenut Emmanuel Grech, mar fuq il-post u ra d-disastru li kien hemm kagun ta' din il-perkolazzjoni tal-ilma.

9. Jghid li dak il-hin stess ra li l-elbow kienet isseparat mill-parti l-ohra taghha li kienet ghadha imwahhla mal-pajp u li ma kienx hemm grip marks u ghalhekk minnufih Manuel Grech gabar iz-zewg partijiet tal-pajp u rega' wehhilhom flimkien bl-istess elbow. Pero' jghid li ma kienx hemm pressa u dan ghaliex xi hadd mill-girien kien ghalaq il-main.

10. Emanuel Grech jghid u dan mhux kontestat li meta wahhal l-elbow in kwisjtoni esebita fl-atti huwa kien ghamel pressure test u dan zamm.

Pero' imbaghad jaf li l-post ma baqax jintuza u ghalhekk ma kienx hemm pressa tal-ilma ghaddejja mill-pajp.

11. Emanuel Grech kien informa lis-socjeta' Bugeja Co Ltd dwar dak li kien gara u s-socjeta' Bugeja Co Ltd kienet infurmat lis-socjeta' kjamata in kawza u dan stante li fil-passat kellha claims ohrajn u s-socjeta' kjamata in kawza kienet pronta li tissetilja tali claims fil-pront bil-ghan li ma titlifx il-klijenti taghha.

12. F'dan il-kaz pero' minkejja li kienet taf li kellha complaints fil-passat ma riditx taqbad u thallas tad-danni sofferti mill-attur u riedet idahhal lil tal-insurance u hekk ghamlet.

13. Il-Manager tas-socjeta' assikuratrici u cioe' John Galdes iddecieda li jibghat plumber fuq il-post fejn sehhet il-hsara u baghtet lil certu Andre' Cassar certu plumber biex jaghmel test u jiccekja l-elbow.

14. Andre' Cassar jghid li m'ghandux certifikati. Huwa jiftakar illi effettivament is-socjeta' assikuratirci GasanMamo kienu kellmuh fuq xi *elbow*. Huwa ra d-dokument Z1 esebit f'dawn l-atti u effettivament qal li huwa gie mitlub sabiex jaghmel test fuq dan l-istess *elbow*. Huwa kien qabbad dan l-*angle* ma' *pressure*. Normalment dan jahdem taht *three bar* u tah *ten bar* u hallieh ghal tlett ijiem u ma llikjax. In segwitu x-xhud mar jixtri *elbow* u mal-*elbow* li xtara nghata l-*fittings*. Huwa nehha l-*elbow* (il-gdid) li kien hemm mal-*fittings* il-godda u ghamel it-test billi uza l-*elbow* li tah GasanMamo cioe' Dokument Z1, uza l-*fittings* tal-*elbow* il-gdida li xtara li huma ezebiti fl-atti bhala Dokument Z2. Huwa ghamel l-*elbow* taht *pressure* taht *ten bar,* halliha tlett ijiem u ma kienx hemm *leakage*.

15. L-attur kien insista li s-socjeta' assikuratrici tibghat l-Ingineer taghha u dan sabiex jigi verifikat fejn kienet il-problema pero' is-socjeta' assikuratrici ma hassitx il-htiega. Clint Farugia claims negotiator jghid li kien prezenti waqt li saret spezzjoni nhar il-25 ta' Gunju 2013 - erbat ijiem wara l-incident gewwa l-apparament tal-attur. Hemmhekk huwa ra li kien hemm parti mis-suffett mikxuf u kien jidher li nbidel xi *elbow*. Skond ma qallu s-sur Cardona, Cardona kien sejjah il-*plumber* tieghu u dan ghaliex l-ilma kien niezel u cempillu biex jirranga. Il-*plumber* l-konvenut Emmanuel Grech filfatt ikkonfermalu li kien biddel l-*elbow*. Dan sar sabiex ma jkunx hemm aktar hsara bil-perkolazzjoni ta' ilma. Ikkonferma li s-Sur Cardona ried li Grech ibidillu l-*elbow* u l-*fittings* ukoll. Pero' jghid li waqt l-access fejn huwa kien prezenti kien inbidel biss l-elbow. Dwar dan Cardona spjega li meta Grech biddel l-elbow ma kienx hemm pressure stante li l-main kien gie maghluq minn tal-flat ta' taht meta kien hemm il-perkolazzjoni tal-ilma. Dan sar sabiex jevita anke carcir tal-ilma li kien ghad fadal fil-pipe u b'hekk ma jmurx fuq il-*parquet*.

16. L-*elbow* in kwistjoni li giet mibdula fil-presenza ta' Clint Farrugia giet moghtija lil Clint Farugia mill-*plumber* u dan fil-presenza ta' min kien prezenti mieghu. Farrugia filfatt sussegwentement qabbad *plumber* biex jittestja jekk dan l-*angle* kienx tajjeb jew le u qabbad lil Andre' Cassar, li ghamel it-testijiet kif fuq spjegat u ghalih kien sodisfatt b'dak li ghamel Cassar. Jghid li naturalment l-*insurance* ma rat l-ebda difett u allura ma ghamlet l-ebda hlas.

17. F'dan il-kaz Farrugia stqarr illi ma tqabbad l-ebda Inginier minkejja li fuq il-post qal lill-attur li kienu ser iqabbdu inginier. Ikkonferma wkoll li s-Sur Cardona dam xi tlett gimghat jistenna li s-socjeta' assikurattrici tibghatlu l-inginier.

18. John Galdes Direttur tas-socjeta' GaldesMamo ikkonferma li fuq il-post kienu baghtu lis-surveyor Clint u dan kien qallu dak li kien gara li fil-fehma tieghu kien necessarju li jintbaghat inginier, pero' hu kien qallu li ma kienx ta' l-istess fehma peress li l-allegazzjoni kienet fuq *elbow*, li seta' jigi ttestjat billi jitqabbad *plumber* biex jaghmel testing taht certu *pressure*. Ikkonferma li din kienet id-decizjoni tieghu, cioe' li jitqabbad *plumber* u ghalhekk qatt ma baghtu inginier. Stqarr li l-*elbow* in kwistjoni raha ghaliex kien tahielu Clint, u kkonferma li kien hemm il-*casing* ta' barra biss. L-*elbow* li huma taw lill-*plumber* kien l-elbow wahdu, l-affarijiet ta' gewwa - il-*washers*, l-is*crews* u l-*grab ring* ma waslux ghandu ghaliex Clint tah biss l-elbow.

Bhala fatti ma jidhirx li hemm konstazzjoni izda l-partijiet qieghdin jattribwixxu t-tort lil xulxin. Il-konvenut Emmanuel Grech jghid li huwa dejjem hadem skond is-sengha u l-arti u li l-incident sehh peress li l-materjal li xtara minghand is-socjeta' konvenuta Bugeja Co. Ltd kienet difettuza peress li l-angle ma zammx, waqt li s-socjeta' konvenuta qed tghid li l-materjal li ssupliet is-socjeta' kjamata in kawza KCA plastics kien diffettuz u ghalhekk hija din l-istess socjeta' li trid twiegeb ghall-hsarat sofferti mill-attur.

Lanqas ma jidher li hemm xi kontestazzjoni dwar id-danni li qed jirreklama l-attur u dan ghaliex l-konvenuti u l-kjamat in kawza ma ressqu l-ebda prova sabiex idghajfu din l-prova esebita mill-attur permezz tan-nota tieghu prezentata fl-atti nhar it-13 ta' Jannar 2014. F'din nota hemm prospett tad-danni bir-ricevuti esebiti li jammontaw ghas-somma ta' €8,209.21 kif hemm ahjar deskritt. Ghalhekk din hija s-somma li l-attur qed jirreklama bhala danni li huwa sofra bhala rizultat ta' dan l-incident. Illi ghalhekk jispetta lil

din il-Qorti tara min hu responsabbli ghal dawn id-danni in vista tax-xhieda fuq mismugha.

Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"*kolpa*". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "*jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja*" (**Art 1032 (1),** Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event dannuz. "*Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*".

Il-kolpa, fil-kaz ta' fatt dannuz li minnu torigina l-azzjoni akwiljana, tavvera ruhha filli wiehed jaghmel att volontarjament, u jonqos li jipprevedi l-effett dannuz ta' dak il-fatt, meta seta jipprevedi dak l-effett. Meta l-att li kkaguna d-danni kien jikkonsisti fil-manegg ta' haga perikoluza, ir-responsabilita` ta' min jaghmel dak l-att hija assoluta. Mhix difiza tajba kontra din ir-responsabilita` l-allegazzjoni illi min ghamel l-att li gieb d-danni kien ilu jaghmlu zmien twil u qatt ma nqala' xejn, u li ghalhekk min ghamel dak l-att ma setghax jissupponi, li fil-kaz partikolari kien ser jinqala' dak li nqala. (vide **Biagio Muscat vs Anthony Falzon** deciza fit-12 ta' Mejju 2003 mill-Qorti ta' l-Appelli Inferjuri).

Fis-sentenza taghha mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Dr. Max Joseph Ganado noe vs Dr. Philip Sciberras noe**[1] intqal illi:
"*... huwa car u manifest illi d-danni li qieghed jirreklama l-attur nomine huma danni ex contractu u mhux ex delicto ghaliex l-azzjoni kif proposta mill-attur nomine hija effettivament ibbazata fuq allegata inadempjenza*

[1] Citazzjoni numru: 1658/1985/1 NA, deciza fit-23 ta' Frar 2001.

*kontrattwali da parti tal-konvenut nomine u l-attur nomine qieghed jitlob rizarciment ghad-danni minnu sofferti per konsegwenza tal-allegata inadempjenza kontrattwali da parti tal-konvenut nomine*."

Kif anke tesponi dettaljatament il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**L-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe vs Angela Xuereb noe'**[2]:

"*Kif inghad, ir-responsabbilita' ghad-danni tista' tkun wahda minn zewg tipi (i) dik maghrufa bhala responsabbilita' contrattuale u (ii) dik maghrufa bhala responsabbilita' extra contrattuale jew aquilina. Dawn iz-zewg tipi ta' responsabbilita' ghad-danni ghandhom numru ta' differenzi bejniethom, fosthom – (i) l-oneru tal-prova; (ii) l-effetti guridici; u (iii) it-terminu entro liema l-azzjoni ghad-danni, nascenti mit-tip ta' responsabbilita specifika, ghandha tigi istitwita.*

*Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita' contrattuale l-attur ghandu jipprova li huwa kellu favur tieghu dik l-obbligazzjoni kuntrattwali u li l-konvenut li kien inadempjenti fl-esekuzzjoni ta' dik l-obbligazzjoni tieghu fil-konfront ta' l-istess attur. F'din it-tip ta' azzjoni huwa l-konvenut li ghandu l-oneru ta' prova iktar difficli mpost fuqu, stante li l-konvenut ghandu jiggustifika l-inadempjenza kontrattwali tieghu u jipprova li tali inadempjenza se mai rrizultat minhabba fattur fuq liema ma kellux kontroll.*

*Fil-kaz ta' azzjoni ghad-danni nascenti mir-responsabbilita extra-contrattuale huwa l-attur li ghandu oneru ta' provi iktar difficli mpost fuqu ghaliex f'tali kaz huwa jrid jipprova n-nexus bejn l-agir tal-konvenut u d-dannu minnu soffert."*

[2] Citazzjoni numru : 1264/1991, deciza nhar it-3 ta' Lulju 2003 .

Minn dan huwa car ghalhekk li d-distinzjoni fundamentali ta' dawn iz-zewg sitwazzjonijiet hija l-ezistenza o meno tar-rabta obbligatorja antecedent ghall-att jew ommissjoni li jkun wassal ghall-allegat dannu lamentat mill-attur.

Kif jinghad fis-sentenza moghtija nhar it-28 ta' Lulju, 2011 fl-ismijiet "**GO p.l.c. vs Charles Dimech**" ġie ritenut li "hu pacifiku li l-ligi trid illi min ikun responsabbli ghad-danni ghandu jhallas kull dannu li ragonevolment jitqies bhala konsegwenza diretta tal-fatt illecitu, imma mhux aktar minn hekk."

Il-Qorti tal-Appell, fid-9 ta' Frar, 2005, fl-Appell Civili fl-ismijiet "**Kevin Mifsud vs Sparkasse Bank Malta P.l.c. et**" irreteniet illi:

"*Din in-norma tikkostitwixxi l-punt kardinali tar-responsabilita extra kontrattwali u tenuncja r-regola li l-awtur tal-lezjoni ghandu jaghmel tajjeb ghall-konsegwenzi negattivi patrimonjali subiti mit-terz. Din ir-responsabilita`ghandha bhala fonti taghha l-imgieba imputabbli, li tista' tkun doluza jew kolpuza. Imgieba din li ghandha jkollha necessarjament ness ta' kawzalita` mal-event dannuz;*"

Ir-rikorrenti qed jibbaza il-pretensjonjiet tieghu fuq il-htija *aquiliana* li tippresupponi fatti li minnu titnissel ex nunc. F'din it-tip ta' azzjoni kontrarjament ghal dik kontrattwali ma hemmx rabta obbligatorja antecendenti ghall-att jew ommissjoni li jaghti lok ghad-dannu li l-atturi jallegaw li gie lilhom kawzat. Fuq l-attur jintefa' l-oneru li jippruva in-*nexus* bejn l-agir tal-konvenut u/jew kjamat in kawza u d-dannu minnu soffert (ara **Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe** fuq citata fost hafna ohrajn li jenuncjaw dan il-principju bazilari tad-dritt).

Ovvjament kull min jaghmel uzu ta' jedd tieghu fil-qies li jmiss ma jwegibx ghal hsara li tigri b'dak l-uzu (**art. 1030 Kodici Civili**). Dan il-qies insibuh fl-**Artikolu 1032(1)** fejn kif enuncjat aktar 'l fuq il-ligi tispjega li jekk ma tintuzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja, titwieled ir-responsabbilta' ghad-danni.

Armata b'dawn il-principji, l-Qorti fl-ewwel lok trid tara jekk il-hsarat sofferti mill-attur kienux ir-rizultat tal-operat tas-socjeta' konvenuta li bieghet l-materjal li akkwistat minghand is-socjeta' kjamata in kawza jew jekk kienx ir- rizultat tal-operat tas-socjeta' kjamata in kawza li bieghet oggetti meta kienet taf li gja kellha diversi complaints dwarhom. Li kien hemm il-hsarat hu indiskuss. Dan hareg car mix-xhieda li instemghet u mid-diversi ricevuti esebiti fl-atti a fol. 77 et seq li ma gewx kontestati. Li dawn il-hsarat sehhew wara li l-konvenut Grech kien tlesta mix-xoghol ta' plumbing hu wkoll indiskuss.

Pero' l-attur ma jistax jieqaf hawn. Irid jipprova illi l-hsara hi l-konsegwenza tal-operat tal-konvenut jew kjamat in kawza jew min minnhom. Il-gurisprudenza tghallimna illi:

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet kienux, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mil-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment; ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli*" (**<u>Emanuel Ciantar vs David Curmi et</u>** deciz mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-28 ta' Marzu 2003).

Inoltre, kif intqal fil-kawza, '**Mifsud vs Camilleri'** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Apell, fil-15 ta' Dicembru, 2004, intqal li: "*Hu pacifiku illi ma huwiex bizzejjed li wiehed jaghmel uzu mid-dritt tieghu, izda dan l-uzu jrid ikun fil-limiti gusti, kwindi anke konciljat ghad-drittijiet ohra ta' haddiehor, li altrimenti jistghu jigu vvjolati b'dak l-uzu u dan ikun illeggittimu*".

Minn ezami tal-fatti in kawza, jidher li l-attur kien inkariga lill-konvenut Emmanuel Grech sabiex jaghmel xoghol fil-proprjeta' tieghu liema xoghol kien jinkludi xoghol ta' plumbing u elettriku. Jirrizulta li huwa qabbad persuna li kien jaf u li gieli hadem maghha u problemi dwar is-sengha u teknika taghha qatt ma kellu. In segwitu l-istess konvenut Grech mar jixtri materjal minghand kumpanija b'reputazzjoni tajba fis-suq u cioe' minghand Bugeja Co. Ltd sabiex jinstallhom fil-fond ta' l-attur. Illi in segwitu s-socjeta' konvenuta bieghhet l-materjal li kienet xtrat hi stess minghand s-socjeta' kjamata in kawza (bhala supplier taghha) lill-konvenut li in segwitu installhom.

Jidher li s-socjeta' kjamata in kawza kellha diversi complaints fuq dawn l-oggetti li kienet qieghda tbiegh konsistenti f'elbows li jintuzaw ghall-installazzjoni ta' sistemi tal-plumbing pero' cio' nonostante baqghet tbiegh dawn l-oggetti u fejn setghet, meta kien ikollha complaints, kienet taghmel out of court settlement ghaliex d-danni kienu zghar. F'dan il-kaz pero' minkejja li kellha complaint bhall-ohrajn ma halsitx lill-attur u dahlet lis-socjeta' assikuratrici fil-materja. Jidher li d-dirigenti tas-socjeta' assikurattrici ma kienx tal-fehma li jibghat inginier fil-post sabiex jara f'hiex kienet tikkonsisti il-hsara u kif effettivament grat il-hsara. Izda kien sodisfatt joqghod u jistrieh fuq plumber li ma kellux certifikati li mar fuq il-post u li ghamel test bla ma uza l-istess apparat u cioe' billi uza l-istess elbow li kien qala l-konvenut ma' sett fittings godda. Jidher li l-problema kienet ghaliex l-

elbow li giet esebita il-Qorti ma kinitx qed torbot mal-fittings li kienu gew fl-istess packing u kien ghalhekk li l-pajp spara u bhala rizultat kien hemm hafna perkolazzjoni ta' ilma. Is-socjeta' assikuratrici naqset meta ma baghtitx inginier fuq il-post sabiex taghmel assessment tal-hsara u ta' kif din giet kagunata. Molto piu' meta tqis li s-socjeta' li pprovdiet dan il-materjal stqarret li diga' kellha diversi complaints li kienu simili izda ta' ammont li kien inqas.

Illi jirrizulta almenu fuq bazi ta' probabilita' li l-incident sehh peress li l-*elbow* li ssupliet is-socjeta' kjamata in kawza kienet difettuza fis-sens li ma kinitx qed taqbad sew mal-parti l-ohra li kien hemm fil-pajp. Fis-sens li ma kienx hemm grasp u kien ghalhekk li l-pajp bil-pressure tal-ilma sgancja ruhu minn mal-parti l-ohra u l-ilma baqa' sejjer mal-art 'l barra mill-pajp. Li kieku s-socjeta' assikuratrici baghtet l-inginier taghha fuq il-post u sar *pressure test* fuq l-istess materjal li kien hemm gja imwahhal mal-pajpiet ir-rizultat kien ikun wiehed aktar cert pero' dan in-nuqqs ma jistax jigi attribwit lill-attur li min-naha tieghu dam zmien konsiderevoli jistenna lil dan l-inginer li Clint Farrugia kien qal li ser jibghat u li gie mwaqqaf li jmur minn John Galdes.

**Ghalhekk fid-dawl tal-provi prodotti din il-Qorti hija tal-fehma li hija s-socjeta' kjamata in kawza li ghandha twiegeb u tirrispondi ghad-danni sofferti mill-attur fl-ammont imsemmi fil-prospett ta' danni u cioe' fl-ammont ta' €8,209.21 u b'hekk ghalhekk filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta li mhix responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur, qieghda tichad l-eccezzjoni tas-socjeta' kjamata in kawza b'dan illi qed tiddikjarha responsabbli ghal dak li gara u konsegwentment tilqa' it-talba ta' l-attur limitatament fis-somma ta' tmint elef, mitejn u disgha ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€8,209.21) li qed tigi likwidata minn din il-Qorti bhala s-somma ta' danni li l-istess attur**

**sofra u konsegwentement qed tikkundanna lis-socjeta' kjamata in kawza thallas lill-attur din l-istess somma hekk likwidata minnha fl-ammont ta' tmint elef, mitejn u disgha ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€8,209.21).**

**L-ispejjez ta' din il-kawza huma kollha a karigu tas-socjeta' kjamata in kawza u l-imghax fuq is-somma likwidata jibda jiddekorri mil-lum.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**